MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 274/2004

Kawza fil-lista: 30

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk :

Peress illi l-attur zzewweg lil konvenuta fl-20 ta’ Dicembru 2002 certifikat taz-zwieg numru 1844/2002 (Dok A) ;

Peress illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal, u ffirmaw kuntratt ta’ firda personali fil-21 ta’ Mejju 2004 atti Nutar Clinton Bellizzi.

Peress illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Peress illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew wahda aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Peress illi l-parijiet rabtu l-kunsens taghha ma kundizzjoni li tirreferi ghal futur.

Peress illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini ta' l-Art 19(i)(g) u/jew (d) u/jew (f) tal-Att numru XXXVII tas-sena 1975 li Jirregola z-Zwigijiet.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex :
Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kuntrattat fl-20 ta' Dicembru 2002 bejn il-kontendenti huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet :

1. Illi l-eccipjenti taqbel illi z-zwieg taghha ma' l-attur huwa null ghar-ragunijiet minnu premessi fic-citazzjoni odjerna ;

2. Illi hija m' ghandhiex tbati l-ispejjez tal-kawza odjerna stante li z-zwieg taghha ma' l-attur huwa null anke ghal ragunijiet attribwibbli lill-attur kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda ;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fl-20 ta’ Dicembru 2002 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali “tal-partijiet” jinsab vizzjat fit-termini ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [d], u l-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha taghha l-konvenuta tattribwixxi n-nullita’ taz-zwieg, fuq dawn il-capita nullitatis, ghal tortijiet da parti ta’ l-attur.

Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-20 ta’ Dicembru 2002 meta allura, l-attur kellu 23 sena u l-konvenuta kellha 20 sena, u dana wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa 6 snin. Wara konvivenza matrimonjali ta’ circa tmien [8] xhur il-partijiet isseparaw de facto, u fil-21 ta’ Mejju 2004 isseparaw *de jure*. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jirrizulta li matul il-perijodu pjuttost twil ta’ l-gherusija il-partijiet kienu jiggieldu ta’ spiss, u baqghu bl-istess atteggjament anke wara li zzewwgu. L-attur jghid li ta sikwit kienu jigu fl-idejn.

Mill-provi johrog car li l-konvenuta ma kienitx kuntenta ma’ l-attur, sa anke minn qabel iz-zwieg. Hija tghid li l-attur kien immatur u rresponsabbli dovut principalment ghal fatt li huwa qatt ma hadem bi qligh peress li missieru huwa finanzjarjament sod u kien jghati ‘paga’ kull gimgha anke wara z-zwieg.

Fix-xhieda taghha l-konvenuta tispjega li hija kienet thobb lill-attur, izda ma kienitx konvinta minnu bhala ragel mizzewweg. Fi kliemha ‘Ridt [nizzewweg] pero’ ma kontx certe, le, minnu. Xtaqt nizzewweg pero’ ma kontx certa minnu.’ [fol.75]. Aktar il-quddiem tghid : ‘Jien aktar dhalt ghaz-zwieg b’ riskju’ [fol.78]. In sostanza l-konvenuta tghid li hija accettat li tizzewweg lill-attur bl-isperanza li jinbidel u jsir, persuna responsabbli.

Konsegwenza ta' dan hija dahhlet f' dan iz-zwieg bl-eskluzjoni posittiva li jkollha tfal mill-attur jekk dan jibqa' kif inhu. Fl-affidavit tghid : '. . kont nahseb illi ma rridx ikolli tfal minghandu sakemm hu jibqa' rresponsabbli. Dan il-hsieb kien f' mohhi qabel iz-zwieg, u f' qalbi kont nghid li zgur li ma rridx ikolli tfal ma' **A** qabel ma huwa jissetilja, jitfa' mohhu hemm u jsir naqra responsabbli.' [fol.33].

Tghid ukoll li, qabel iz-zwieg 'Kont nghid ukoll li wara kollox dejjem stajt nissepara minn mieghu jekk l-affarijiet ma jkunux sejrin tajjeb bejnietna. Pjuttost nahseb li hadt cans mieghu.... aktar ma beda joqrob it-tieg iktar bdew jiguni dubji' [fol.33]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta ex admissis mill-konvenuta li hija ma kienitx lesta ghaz-zwieg ma' l-attur. Hija ma kienitx ppreparata li tassumi l-obbligazzjonijiet kollha essenzjali taz-zwieg li huma bazati fuq unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, prokreazzjoni u trobbija tat-tfal.

Jirrizulta car li fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens taghha l-konvenuta ma kienitx preparata li tassumi fil-konfront ta' l-attur dawn l-obbligazzjonijiet bla riserva ; anzi addirttura f' dak il-mument, fic-cirkostanzi ta' dak il-mument u kif kienet qeda thares lejn l-attur f' dak il-mument ta' l-ghto tal-kunses, hija addirittura u b' att posittiv tal-volonta' taghha eskludiet li jkollha tfal minnu.

Hija esternament ghaddiet minn cerimonja taz-zwieg, filwaqt li internament kienet mtaqqla b' dubji serji dwar kemm verament riedet taghamel dak il-pass, liema dubji wassluha sabiex f' dak il-mument teskludi, b' att posittiv tal-volonta' taghha, li jkollha tfal mill-konvenut jekk dan ma jinbidilx u skond hi jsir aktar responsabbli. Dan l-atteggjament jikkwalifika bhala simulazzjoni parzjali fis-sens ta' eskluzjoni ta' obbligu essenzjali ghal hajja matrimonjali u jikkostitwixxi raguni ghall-annullament taz-zwieg fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat.

Illi mill-banda l-ohra, l-attur, ghalkemm jghid li huwa zzewweg ghax ried familja bit-tfal, jammetti li meta zzewweg kien immatur, u l-litigju principali bejniethom kien dovut ghal fatt li l-attur kien jorhrog bil-lejl bil-mutur u jigi fis-sieghat bikrin ta' filghodu. Dan il-fatt kien fonti ta' inkwiet serju bejn il-partijiet, peress li l-konvenuta ma kienitx taccettah.

L-attur jammetti li f' dawn l-argumenti gieghli kien refa' jdejh fuq il-konvenuta tant li fl-ahhar zmienijet tal-konvivenza matrimonjali ta' spiss kienu jigu fl-idejn u jammetti li f'wiehed minn dawn l-incidenti huwa kissrilha sninha ta' quddiem lil martu.

Fl-affidavit taghha l-konvenuta tghid : 'Konna nispiccaw nillitikaw bl-ikrah. Gieli sawwatni u gibidni minn xaghri fil-kurutur tad-dar li konna noqghodu fiha. Refa' idjeh kemm il-darba fuqi meta kien jigi lura wara l-harga bil-mutur. Fejn qabel iz-zwieg gieli mbuttani, beda jsir aktar vjolenti, jaqbadni minn ghonqi, gieli tefghani fl-art u anke tani bis-sieq.  Darba fost il-glied kissirli bicca mis-sinna ta' quddiem.' [fol.38]

In propositu l-Qorti tosserva li dan l-atteggjament ta' l-attur fil-konfront ta' martu <u>ftit wara d-data taz-zwieg</u>, u anke qabel, jmmanifesta mhux biss l-aggressivita' tieghu [forsi dovuti ghal pilloli steriods li kien jiehu ghal body building] izda wkoll l-mankanza totali da parti tieghu ta' maturita' affettiva

In propositu, jinsab ritenut fil-gurisprudenza li l-kuncett ta' maturita' affettiva jimporta "generalmente quella <u>adeguata evoluzione</u> degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero [immaturita' affettiva] e ponderato [immaturita' di gudizio]" [*Il Diritto Canonico Matrimoniale – Bersini; citat fil-kawza App.C. Raymond Theuma vs Carmen Theuma deciza 27 ta' Jannar 2006*].

Illi dan l-komportament ta’ l-attur fil-konfront ta’ martu fil-ftit xhur tal-konvivenza matrimonjali, ezaminat u valutat fid-dawl tal-premess, iwassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, dana kien affett minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta gudizzju fuq id-dmirijiet essenzjali ghal hajja matrimonjali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti  hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null fit-termini ta’ l-artikolu 19[1][f] fil-konfront tal-konvenuta, u fit-termini ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-istess artikolu fil-konfront ta’ l-attur.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-20 ta’ Dicembru 2002.  L-ispejjez jinqassmu bejn il-partijiet konguntivament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------